**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 271**
**It-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024 fis-6:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

**SPORTIVI - STUDENTI LI JIRRAPPREŻENTAW LIL MALTA - SAFAR**

**14680. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kif is-sistema edukattiva qed tagħti sapport fit-tliet livelli ta' edukazzjoni differenti (sekondarju, post sekondarju u terzjarju) meta dawn l-istudenti jkunu mitluba li jsiefru biex jirrappreżentaw lil Malta jew inkella jkunu mitluba li jattendu għal training biex jiġu preparati għall-kompetizzjonijiet relattivi fl-isport tagħhom waqt il-ħin tal-lezzjonijiet?

10/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li l-istudenti li jirrapreżentaw lil pajjiżna, jingħataw is-sostenn kollu neċessarju sabiex jirkupraw il-lezzjonijiet u x-xogħol mitluf. Dan isir permezz ta' lezzjonijiet online jew lezzjonijiet rekordjati.

Seduta 271
04/11/2024

**SPORTIVI - STUDENTI LI JIRRAPPREŻENTAW LIL MALTA - GĦAJNUNA**

**14681. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kif qed jiġu megħjuna l-istudenti li huma wkoll sportivi u jirrappreżentaw lil Malta f'xi tip ta' sports jew huma parti mit-tim Nazzjonali fl-isport tagħhom speċjalment dawk ta' taħt is-16-il sena, kif ukoll f'livell post sekondarju fejn jidħlu noti u spjegazzjoni tal-lezzjonijiet partikulari li huma jkollhom jitilfu biex jattendu għal dawn l-attivitajiet?

10/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 14680.

Seduta 271
04/11/2024

**SPORTIVI - STUDENTI LI JKOMPLU L-ISPORT TAGĦHOM FUQ LIVELL AKTAR AVVANZAT**

**14682. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx xi tip ta' studju jew ingħatatx xi tip ta' attenzjoni fejn wieħed jara jekk hemmx xi korrelazzjoni bejn l-istudenti li jkomplu l-isport tagħhom fuq livell aktar avvanzat mill-bqija u ċjoè li jirrappreżentaw lil pajjiżna fl-isport tagħhom u jekk dawn humiex qed jingħataw l-opportunità kollha meħtieġa biex ikollhom ukoll suċċess akkademiku, dan in kwantu li jkollhom inaqqsu l-ħin regolari tagħhom ġewwa l-klassi bħall-bqija tal-istudenti? Jista' jgħid ukoll jekk dawn l-istudenti hux qed ikollhom jagħżlu li jitilqu l-isport jew li jkomplu l-istudju akkademiku tagħhom għax is-sistema eżistenti mhux qed toħloq bilanċ u sapport reċiproku bejn it-tnejn?

10/01/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li matul ix-xhur li għaddew sar studju dwar dan ibbażat fuq l-istudenti li attendew l-iskola Nazzjonali tal-Sport. Permezz ta' dan l-istudju ser issir l-evalwazzjoni neċessarja sabiex dawn l-istudenti jingħataw l-opportunitajiet mistħoqqa.

Seduta 271
04/11/2024

**SERVIZZ KONTRA L-IBBULJAR**

**19717. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-għanijiet tas-Servizz kontra l-Ibbuljar?

03/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-għan tas-servizz hu li jqajjem għarfien u jintervjeni f'każijiet ta' ibbuljar billi joffri għajnuna u sapport ġewwa l-iskejjel kollha. L-istudenti jiġu mgħejuna biex jilħqu l-milja tal-kapaċitajiet soċjali u l-ħiliet akkademiċi tagħhom sabiex l-istudenti jħossuhom siguri f'ambjent sigur bl-għan li jħaddnu l-valuri neċessarji b'ċertu rispett.

Seduta 271
04/11/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – SLC**

**20154. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta kien ippjanat li titlesta l-binja tas-Sustainable Living Complex (SLC) tal-Università ta' Malta u kemm kienet stmata li tiġi tiswa? Jista' jgħid ukoll jekk il-proġett marx over-budget u jekk kienx hemmx direzzjoni biex ix-xogħol jieqaf minħabba nuqqas ta' fondi?

19/06/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li l-binja msemmija kellha titlesta fl-2023, pero minħabba problemi loġistiċi din il-binja għadha ma tlestitx. Din il-binja ġiet stmata li tiġi tiswa għal madwar €49.5 miljun.

M'hemm l-ebda struzzjoni sabiex ix-xogħol fuq din il-binja jitwaqqaf u kemm il-Gvern, kif ukoll l-Università huma kommessi biex dan il-proġett jitlesta sa l-aħħar.

Seduta 271
04/11/2024

**GĦAWDEX - STUDENTI B'DIŻABILTÀ LI JAGĦLQU S-16-IL SENA - KORSIJIET**

**20455. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-sistema edukattiva f'Għawdex hux qed toffri xi korsijiet għal studenti b'diżabiltà li jagħlqu s-16-il sena? Jekk iva, jista' jgħid jekk għal dawn il-korsijiet, dawn l-istudenti humiex qed ikunu offruti assistenza personali skont l-esiġenzi tagħhom?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda kurrikulu nazzjonali speċifiku għall-istudenti li għandhom aktar minn 16-il sena li jattendu fl-iskola Sannar Primary and Special Unit. L-iskola toffri programm kurrikulari funzjonali (Functional Curriculum) bbażat fuq il-ħtiġijiet li joħorġu mill-Pjan Individwali Edukattiv għal kull student.
Fil-Unit Speċjali fl-iskola ta' Sannat studenti minn sittax-il sena sa tnejn u għoxrin sena isegwu programm li għalkemm hu mibni fuq il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali huwa adattat għal kull student individwali. L-istudenti huma mqassma fi klassijiet fejn ikun hemm għalliem wieħed, erbgħa *Learning Support Educators* u mhux iktar minn tmin studenti.

Kull student, kull sena jkollu l-*Individualized Educational Programme* tiegħu maħdum b'konsultazzjoni mal-ġenituri u mal-professjonisti kollha li jsegwu lill-istudent. Xogħol l-għalliem hu li jara li kull student qed jirċievi tagħlim li hu tajjeb għall-istudent bl-għajnuna tal-*Learning Support Educators*.

Il-ġurnata tibda u tispiċċa b'dak li hu msejjaħ *Circle Time*. Waqt dan il-ħin il-klassi tkun miġbura kollha bħala familja u l-enfasi tkun fuq l-iżvilupp ta' ħiliet soċjali. Fil-ħin l-ieħor il-ġurnata tkun mimlija b'attivita' strutturata waħda wara l-oħra. Għalkemm f'ħin wieħed kulħadd ikun qed jagħmel il-Matematika ma jfissirx li l-istudenti kollha jkunu qed jagħmlu l-istess attività imma kollha kemm huma jagħmlu attività skont il-ħila u l-bżonn tagħhom.

Normalment l-attivitajiet ikunu marbuta ma tema partikulari li tinbidel kull ġimgħa.

Suġġetti li jiġu mgħallma huma:

- Malti
- Ingliż
- Matematika
- Xjenza Ġenerali
- Reliġjon
- Office Skills
- Lego Club
- Edukazzjoni Fiżika
- Tisjir
- Life-Skills
- Home Management
- Hydrotherapy
- Ħiliet fl-Informatika ( ICT Skills)

Fl-aħħar tas-sena jsir *Review* tal-*Individualized Educational Plan* biex jiġi diskuss flimkien mal-ġenituri l-progress li sar. Dan ir-*Review* iservi bħala bażi għat-tagħlim li jingħata fis-sena ta' wara.

Il-filosofija tal-iskola hi li fl-istudent ma narawx dak li ma jafx jew mhux kapaċi jagħmel imma naraw il-potenzjal partikulari tal-istudent, anke b'diżabilità severa u nippruvaw niżviluppawh.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - CEOS U MEMBRI FI ĦDAN IL-BORDIJIET**

**20457. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tas-CEOs u l-membri fi ħdan il-bordijiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll il-ħlas u l-perkaċċi ta' dawn is-CEOs u l-membri f'dawn il-bordijiet u l-perjodu tal-ħatra tagħhom?

01/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 20815.

Seduta 271
04/11/2024

**SKEJJEL STATALI - LIVELL PRIMARJU - GĦALLIEMA LI RRIŻENJAW FL-AĦĦAR TERM SKOLASTIKU**

**20774. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw għalliema matul l-aħħar term skolastiku u li kienu jgħallmu fil-livell primarju fl-iskejjel statali?

10/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar term skolastiku tas-sena li għaddiet, minn 1,294 għalliem, irriżenjaw 8 għalliema fil-livell primarju.

Seduta 271
04/11/2024

**SKEJJEL STATALI - LIVELL MEDJU U SEKONDARJU - GĦALLIEMA LI RRIŻENJAW FL-AĦĦAR TERM SKOLASTIKU**

**20775. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw għalliema matul l-aħħar term skolastiku u li kienu jgħallmu fil-livell medju u sekondarju fl-iskejjel statali?

10/07/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul l-aħħar term skolastiku tas-sena li għaddiet, minn 2,854 għalliem, irriżenjaw 8 għalliema fil-livell medju u sekondarju.

Seduta 271
04/11/2024

**L-AWTORITÀ STATALI EQUESTRI MALTA - KORSA TAL-MARSA**

**21536. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-Awtorità Statali Equestri Malta b'bord ta' Diretturi appuntat mill-Ministru nnifsu, għadha sal-lum ma ħadet l-ebda passi kontra l-kuntrattur li ngħata l-konċessjoni tal-korsa tal-Marsa meta l-investiment imwiegħed għadu ma sarx u meta matul dawn l-aħħar seba' snin il-korsa tal-Marsa hija fl-agħar stat li qatt kienet?

03/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kemm l-entita msemmija, u kif ukoll il-bord imsemmi, flimkien mal-stakeholders neċessarji qegħdin jgħamlu dak kollu possibli sabiex il-Korsa tal-Marsa tkun fl-aħjar stat possibli, b'investimenti xierqa.

Seduta 271
04/11/2024

**KORRISPONDENZA MILL-KUMMISSJONI TAL-UNJONI EWROPEA FIR-RIGWARD ENTRY/EXIT SYSTEMS**

**20383. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk f'din l-aħħar sena, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jew xi entitajiet li jaqgħu taħtu, irċevewx korrispondenza mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' Entry/Exit System, u f'każ li iva, iqiegħed din il-korrispondenza fuq il-Mejda tal-Kamra?

01/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 20373.

Seduta 271
04/11/2024

**ANNUAL REPORT OF THE REGULATOR – GRANTING OF CITIZENSHIP FOR EXPECTIONAL SERVICES**

**20384. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta se jkun qed joħroġ l-Annual Report of the Regulator - Granting of Citizenship for Exceptional Services li jkopri s-snin 2022 u 2023?

01/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**PERSUNI LI VVUTAW F’ELEZZJONIJIET BL-GĦAJNUNA TAL-AECS**

**20385. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jipprovdi tabella bl-informazzjoni li turi kemm-il persuna fl-elezzjonijiet ġenerali, fl-elezzjoni tal-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, ivvutaw bl-għajnuna tal-AECs u taħt ġurament billi ma kinux kapaċi jivvutaw waħedhom mill-2004 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jagħti din l-informazzjoni maqsuma għal kull elezzjoni rispettiva?

01/07/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant li l-Kummissjoni Elettorali hija korp kostituzzjonali li ma taqax taħt id-direzzjoni tal-ebda Ministeru.

Seduta 271
04/11/2024

**PORT IL-KBIR - CRUISELINERS**

**20386. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il cruiseliner daħal fil-Port il-Kbir f'din l-aħħar sena?

01/07/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**STUDJU FUQ EMISSJONIJIET FL-ARJA MILL-CRUISELINERS**

**20387. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk qattx sar studju jew kalkolu tal-emissjonijiet fl-arja li jħallu l-cruiseliners f'pajjiżna u l-effetti tagħhom, u f'każ li saru, tista' tqiegħed l-iktar studju riċenti fuq il-Mejda tal-Kamra?

01/07/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (l-ERA) qed tikkollabora mal-Università ta’ Malta biex isir studju li jikkwantifika l-impatt li cruiseliners u bastimenti oħrajn li jidħlu fil-Port il-Kbir għandhom fuq il-kwalità tal-arja. Biex isir dan, f’dawn l-aħħar snin tqiegħed stazzjon ta’ monitoraġġ fi Ġnien tal-Gardjola, l-Isla. Din hija ż-żona l-iżjed milquta meta r-riħ jonfoħ mill-Majjistral, li huwa l-iżjed riħ komuni fil-gżejjer Maltin. It-teħid ta’ kampjuni tlesta f’Ottubru. Issa jibda l-proċess fuq ix-xogħol tal-kampjuni biex wara ssir l-analiżi mill-Università ta’ Malta. Apparti minn dan l-studju, l-Gvern diġà beda jimplimenta proġetti mmirati biex ikollna arja aktar nadifa fil-Port il-Kbir, b’mod partikolari l-proġett shore-to-ship.

Seduta 271
04/11/2024

**SPTAR ĠENERALI TA’ GĦAWDEX – INVESTIMENT FUQ AMBULANZI**

**20388. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B’referenza għall-investiment ta' 'l fuq minn €7 miljun f'ambulanzi fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, jista’ l-Ministru jaqsam dan l-ammont skont in-nefqa li saret u jispjega fiex saret kull nefqa rispettiva?

01/07/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-investiment relatat mal-ambulanzi l-ġodda allokat għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex jammonta għal total ta' 7.095 miljun ewro. Dan jinkludi l-provista ta' sitt ambulanzi ġodda b'tagħmir mediku. Din l-ispiża hija maqsuma fuq disa' snin u t-terminu tal-kuntratt beda f'Mejju li għadda. Il-ftehim jirrigwardja xiri ta' żewġ ambulanzi li diġa qed jintużaw u fi żmien tmien xhur jingħataw erba' vetturi oħra biex b'hekk l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ikun mgħammar b'sitt ambulanzi ġodda. B'dan l-investiment, Għawdex ser ikollu sptar mgħammar b'ambulanzi ġodda u tal-istess kwalità u livell bħal dak f'Malta.

Seduta 271
04/11/2024

**ĊENTRI TA' KORREZZJONI - PERSUNI LI QED JISKONTAW SENTENZA**

**20976. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa numru ta' persuni li attwalment qed jiskontaw sentenza fiċ-ċentri ta' korrezzjoni bħalissa? Jista' jgħid ukoll x'ġeneru għandhom u kemm minnhom huma taħt l-età ta' 35 sena?

07/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' persuni fiċ-ċentri ta' korrezzjoni jinbidel kuljum. Sal-1 ta' Novembru, fiċ-ċentri ta' korrezzjoni kien hemm total ta' 428 persuna li qed jiskontaw sentenza. Minn dawn 394 huma rġiel u 34 huma nisa. Minn dawn, il-persuni ta' taħt-il 35 sena jammontaw għal total ta' 163.

Seduta 271
04/11/2024

**MALTA U GĦAWDEX - HEAVY PLANT VEHICLES REĠISTRATI**

**20977. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' heavy plant vehicles reġistrati f'Malta u Għawdex separatament bħalissa? Jista' jipprovdi wkoll l-istess informazzjoni għas-sena 2000?

07/08/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi *heavy plant vehicles* għandhom kategorija ta' EU bħala N3 u li tfisser vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' iżjed minn 12-il tunnellata.

· Registrati sat 30/06/2024
Malta – 9428 Għawdex – 947

Seduta 271
04/11/2024

**MALTA U GĦAWDEX - BARRIERI LIĊENZJATI**

**20978. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' barrieri liċenzjati bħalissa f'Malta u Għawdex u f'liema lokalitajiet jinsabu? Jista' jgħid ukoll meta saru l-aħħar spezzjonijiet f'kull barriera u x'passi ttieħdu?

07/08/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**MALTA U GĦAWDEX - TALBIET GĦALL-INTERVENT TAL-PULIZIJA GĦAS-SENA 2024**

**20979. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' każijiet fejn il-Pulizija ntalbet tintervjeni matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024, maqsuma lokalità lokalità f'Malta u Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-każijiet kienu relatati għal każijiet fuq il-baħar?

07/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024, il-Pulizija ntalbu jintervjenu fuq il-baħar 28 darba.
Apparti hekk, f'każijiet fuq il-baħar, il-Protezzjoni Ċivili ntervjenew 40 darba u l-Forzi Armati ta' Malta 86 darba.

Seduta 271
04/11/2024

**DEPORTAZZJONI TA' PERSUNI**

**20980. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li ġew deportati matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 2024? Jista' jipprovdi n-nazzjonalità u r-raġuni għad-deportazzjoni ta' kull persuna?

07/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li matul l-ewwel għaxar xhur tas-sena 2024, 1,103 -il persuna tneħħew mill-pajjiż. Ir-raġunijiet ta' tneħħija jvarjaw minn persuni li ma kkwalifikawx għall-ażil, persuni li nstabu jgħixu f'Malta b'mod irregolari u oħrajn li ġew ritornati b'mod volontarju. Infurmat li n-nazzjonalitajiet kienu varji, fosthom; Bangladesh, India, Pakistan, Colombia, Albania, Serbia, Mali, Gambia, Nigeria, Chad, u Senegal.
Ninsab ukoll infurmat li sal-aħħar ta' Ottubru persuni li waslu b'mod irregolari kienu jammontaw għal 155 persuna filwaqt li fl-istess perjodu ġew ritornati 125 persuna lejn il-pajjiż tal-oriġinu filwaqt li 60 persuna oħra ġew rilokati. Dan ifisser li fl-istess perjodu pajjiżna esperjenza aktar persuni li waslu b'mod irregolari li ħallew il-pajjiż milli waslu.

Seduta 271
04/11/2024

**STABBILIMENTI TAL-IKEL - ĊITAZZJONIJIET**

**20981. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19697 li oriġinarjament saret lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm ingħataw ċitazzjonijiet lill-istabbilimenti tal-ikel li kellhom l-imwejjed jingombraw il-bankini mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u liema kienu l-lokalitajiet?

08/08/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li permessi biex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika ma joħorġux mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Ir-rwol tal-Awtorità f'dan ir-rigward huma limitat li jiżgura li l-kundizzjonijiet tal-liċenzja jiġu rispettati. Għaldaqstant, l-Awtorità tħaddan sistema li meta ssib ksur minuri tar-regolamenti, l-ewwel tagħti twissijiet verbali u toħroġ ittri ta' twissija sabiex l-operatur jirregola ruħu fi żmien stipulat. Meta ikun hemm ksur ta' liġi persisteni, imbagħad l-Awtorità tipproċedi b'azzjoni legali skont kif ikun meħtieġ.
Mill-2017 ħarġu 189 ittra ta' twissija, 16-il Administrative Fine Notice u 10 Enforcement notices.

Seduta 271
04/11/2024

**MARAM - EVALWAZZJONI**

**21213. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' evalwazzjoni ssir għas-servizz provdut mill-Multi Agency Risk Assessment Meeting Board (MARAM)? Kemm u kif huma involuti l-vittmi f'din l-evalwazzjoni u x'vuċi qed jingħataw f'din l-evalwazzjoni?

06/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tiċċara xi trid tfisser 'bit-terminu evalwazzjoni'.

Seduta 271
04/11/2024

**DVU - EVALWAZZJONI**

**21214. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' evalwazzjoni ssir għas-servizz provdut mit-taqsima tad-Domestic Violence Unit (DVU) fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)? Kemm u kif huma involuti l-vittmi f'din l-evalwazzjoni u x'vuċi qed jingħataw f'din l-evalwazzjoni?

06/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellanta, sabiex tispeċifika xi trid tfisser bit-terminu 'evalwazzjoni'.

Seduta 271
04/11/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - KSUR TA' PROTECTION ORDER**

**21215. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura li tiskatta meta persuna tikser protection order li tkun ħarġet f'ċirkostanza ta' vjolenza domestika? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx Standard Operation Procedure għal ksur ta' protection order? Jekk iva, tista' titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra?

06/09/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li meta mill-investigazzjonijiet tal-pulizija jirriżulta li persuna tkun kisret ordni ta' protezzjoni, tali persuna titressaq il-Qorti b'arrest. Nikkonferma li hemm Standard Operation Procedures li jkopru tali proċedura. Ġejt infurmat li ma jinħassx li jkun prudenti li tkun ippubblikata minħabba informazzjoni dwar l-operat tal-Pulizija fil-ħidma tagħha kontra dan ir-reat.

Seduta 271
04/11/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - KSUR TA' PROTECTION ORDER - ARREST**

**21216. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu imminenti arrest f'każ ta' ksur ta' protection order f'ċirkostanza ta' vjolenza domestika?

06/09/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li f'każ ta' allegat ksur ta' protection order f'ċirkostanza ta' vjolenza domestika, kull ksur ta' tali ordni jiġi nvestigat mill-Pulizija, u wara li jsiru l-investigazzjonijiet relatati mill-aktar fis possibbli, il-persuni responsabbli jitressqu l-Qorti taħt arrest.

Seduta 271
04/11/2024

**SPTAR MATER DEI - VITTMI LI RESQU GĦAS-SERVIZZ TAD-DVU**

**21217. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-vittmi ta' vjolenza domestika li ġew rappurtati fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei, resqu għas-servizz tad-Domestic Violence Unit (DVU) fl-2023 u minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 271
04/11/2024

**SPTAR MATER DEI - VITTMI LI RESQU BIEX JAGĦMLU RISK ASSESSMENT**

**21218. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-vittmi ta' vjolenza domestika li ġew rappurtati fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei, resqu biex jagħmlu risk assessment fl-2023 u minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21409. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:

a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Kif l-Onor. Interpellanta konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjez oħrajn li mhumiex relatati.
Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintuzaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal perezempju kif inhu l-kaz f'kampanji li jtulu.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21410. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Kif l-Onor. Interpellanta konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.
Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21411. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Kif l-Onor. Interpellanta konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.
Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21412. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Kif l-Onor. Interpellant konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.

Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21413. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Kif l-Onor. Interpellant konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabru mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.
Ninformaha li l-organizzazjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif hinu l-każ f'kumpaniji li jtulu.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21414. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:

a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Kif l-Onor. Interpellant konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jingħabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.

Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 271
04/11/2024

**RAĦAL ĠDID - TRIQ IT-TEMPJI NEOLITIĊI - XOGĦLIJIET**

**21703. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kemm-il-darba huwiex previst li tul din is-sena Triq it-Tempji Neolitiċi li tibda minn Raħal Ġdid sa Ħal Tarxien tiġi rranġata speċjalment minħabba l-fatt li ħafna residenti jbatu wara li tagħmel x-xita?

09/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li sa issa m'hemmx pjanijiet għal xogħlijiet ta' tiswija tat-triq imsemmija matul din is-sena.

Seduta 271
04/11/2024

**RAĦAL ĠDID – TRIQ SANT'UBALDESCA - XOGĦLIJIET**

**21704. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk tul din is-sena humiex ser isiru x-xogħlijiet neċessarji fi Triq Sant Ubaldesca, Raħal Ġdid u dan mill-parti ta' Triq iċ-Ċimiterju sa Triq il-Palma billi hija mimlija ħofor?

09/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fi Triq Sant Ubaldesca, Raħal Ġdid u dan mill-parti ta' Triq iċ-Ċimiterju sa Triq il-Palma huwa previst li jibda fil-gimgħat li ġejjin.

Seduta 271
04/11/2024

**RAĦAL ĠDID – TRIQ SANT'UBALDESCA - XOGĦLIJIET**

**21705. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk tul din is-sena humiex ser isiru x-xogħlijiet neċessarji fi Triq Sant Ubaldesca, Raħal Ġdid u dan mill-parti ta' Triq iċ-Ċimiterju sa Triq il-Palma billi hija mimlija ħofor?

09/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li x-xogħlijiet fi Triq Santa Ubaldeska huma skedati li jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 271
04/11/2024

**IL-FGURA - TRIQ IL-PITIROSS U TRIQ L-GĦASFUR TAL-BEJT - XOGĦLIJIET**

**21706. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab ix-xogħol fuq Triq il-Pitiross u Triq l-Għasfur tal-Bejt fil-Fgura u kemm huwa previst li ser jiġu jiswew dawn u kemm effettivament damu biex tlestew?

09/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li x-xogħlijiet imsemmija huma stmati li ser jiswew €215,681.04, li jonqos li jingħata l-aħħar saff ta' asfalt. Il-proġett beda f'Ottubru 2022 u mistenni li jitlesta f'Novembru 2024.

Seduta 271
04/11/2024

**IL-FGURA - TRIQ IL-PITIROSS U TRIQ L-GĦASFUR TAL-BEJT - XOGĦLIJIET**

**21707. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju jinsab ix-xogħol fuq Triq il-Pitiross u Triq l-Għasfur tal-Bejt fil-Fgura u kemm huwa previst li ser jiġu jiswa dan ix-xogħol u kemm effettivament se jdum biex jitlesta?

09/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**IX-XGĦAJRA - TRIQ IL-FORTIZZA TAL-GRAZZJA – BUS SHELTER**

**21708. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10930 dwar il-bus shelter imsaddad li hemm fil-bidu ta' Triq Alof Wignacourt, fix-Xgħajra, u fejn fil-11 ta' Lulju 2023 ġie mwieġeb illi "mhux ser ikun hemm dewmien" biex isir, jista' l-Ministru jara li jinbidel ukoll il-bus shelter ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja Xgħajra?

09/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li tresqu diversi talbiet mal-kumpanija inkarigata biex jinbidel l-imsemmi Bus Shelter. Sadattant, ninsab infurmat ukoll li l-Kunsill għamel xogħol ta' manutenzjoni temporanju fuq dan il-Bus Shelter biex ma jibqax jidħol ilma fih.

Seduta 271
04/11/2024

**AĠENZIJA ŻGĦAZAGĦ - GĦAJNUNA LILL-KNZ**

**21910. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti l-għajnuna li l-Aġenzija Żgħażagħ tagħti lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNZ)?

15/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li f'konformità man-National Youth Policy (NYP), l-entita Aġenzija Żgħażagħ hi mpenjata fl-iżvilupp ta' inizjattivi u attivitajiet ta' kollaborazzjoni mal-KNŻ biex trawwem l-għanijiet strateġiċi tal-NYP, partikolarment iċ-ċirkostanzi li dejjem jinbidlu, sfidi u opportunitajiet ġodda tal-vuċijiet u l-ħajja taż-żgħażagħ f'Malta.

L-għan primarju tal-entita huwa li jgħin lill-KNŻ fil-ħolqien ta' pjattaformi ta' djalogu għaż-żgħażagħ permezz ta' mezzi differenti bħal; l-identifikazzjoni u r-riċerka xjentifika tal-bżonnijiet taż-żgħażagħ, l-iżvilupp ta' pjattaformi kreattivi, u l-ġbir u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-edukazzjoni ċivika.

Infurmat li l-appoġġ kollu mogħti joħroġ mill-Memorandum of Understanding iffirmat bejn iż-żewġ partijiet.

Seduta 271
04/11/2024

**AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ - ATTIVITAJIET**

**21911. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka lista tal-attivitajiet kollha li ġew organizzati mill-Aġenzija Żgħażagħ mis-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

15/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-mandat tal-entità msemmija jmur lil hinn mill-avvenimenti, li huma l-aspett ta' tixrid tas-servizzi kollha ta' ħidma maż-żgħażagħ li l-entità nazzjonali taż-żgħażagħ tipprovdi fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonalment. Madanakollu l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 271
04/11/2024

**AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ - FONDI EWROPEJ**

**21912. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm akkwistat fondi ewropej l-Aġenzija Żgħażagħ mis-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti lista ta' kull akkwist u għal liema skop intużaw il-fondi?

15/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 271
04/11/2024

**STUDENTI GĦAWDXIN - SUSSIDJU**

**21913. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdied is-sussidju tal-istudenti Għawdxin minn meta beda jingħata dan is-sussidju sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti l-figuri sena b'sena?

15/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi d-domanda lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**STUDENTI GĦAWDXIN - SUSSIDJU**

**21914. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm żdied is-sussidju tal-istudenti Għawdxin minn meta beda jingħata dan is-sussidju sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jagħti l-figuri sena b'sena?

15/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 271
04/11/2024

**RESIDENZA SAN VINĊENŻ DE PAUL - WELFARE HAMPERS**

**21986. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20654 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u jgħid jekk tqassmux Welfare hampers lill-anzjani fid-Djar tal-Anzjani tal-Gvern, inkluż ir-Residenza San Vinċenz De Paul, mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

i. Jekk le, għaliex twaqqfu?
ii. Jekk iva, min kien/u l-fornitur/i?
iii. Kemm tqassmu hampers kull darba?
iv. Kemm-il darba tqassmu hampers matul kull sena partikolari, sena b'sena?
v. Kemm sewa kull hamper?
vi. Fiex kien jikkonsisti kull hamper?
vii. Kif intgħażlu l-fornituri, jekk hux b'tender jew b'modi oħrajn?

16/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni, għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**KINDERGARTEN EDUCATORS GĦAWDXIN**

**22139. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Kindergarten Educators (KGE) Għawdxin li fil-preżent qed jaħdmu fi skejjel primarji ġewwa Malta? Jista' jgħid kemm minnhom huma relievers u kemm ilhom relievers?

21/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentament hemm 31 KGE li qed jaħdmu fi skejjel primarji ġewwa Malta.
Infurmat li minn dawn il-31 KGE hemm 13-il reliever u ilhom jaħdmu bħala reliever skont it-tabella hawn taħt;

| **Perjodu** | **Numru ta' KGE** |
|---|---|
| Minn Settembru 2023 | 1 |
| Minn Frar 2024 | 1 |
| Minn Settembru 2024 | 11 |
| **Total** | 13 |

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – BORDIJIET U KUMITATI**

**22140. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista' tal-bordijiet u kumitati kollha li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali? F'kull każ, jista' jagħti l-ismijiet tal-persuni li jiffurmaw dawn il-bordijiet u/jew kumitati?

21/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 271
04/11/2024

**IN-NADUR - TRIQ L-EMIGRANTI - XOGĦLIJIET**

**22141. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol fadal isir fi Triq l-Emigranti, fin-Nadur? Kemm-il xahar ilu li nbeda x-xogħol, u għala f'dawn l-aħħar xhur ma tkompla ebda xogħol f'din it-triq? Jista' jgħid ukoll jekk jafx meta ser jitkompla x-xogħol u meta x-xogħol f'din it-triq ser jitlesta minn kollox?

21/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol mistenni jitkompla fil-ġimgħat li ġejjin hekk kif il-proċess tal-procurement ikun jippermetti dan.

Seduta 271
04/11/2024

**CFT CA UNIQUE CPSU2560/24 - 019-6080/24 - DIRECT ORDER**

**22142. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti u għala nħasset il-ħtieġa li tinħareġ id-direct order 'CfT CA Unique CPSU2560/24 - 019-6080/24 - Negotiated procedure for the provision of Ancillary Services relating to office space lease at Swatar premises to Mater Dei Hospital'? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-valur u għal kemm hu l-perjodu ta' żmien ta' din id-Direct Order?

21/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-proċess għadu fi stat ta' evalwazzjoni.

Seduta 271
04/11/2024

**CT2361/2022 - SEJĦA**

**22143. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għas-sejħa CT2361/2022 – Framework Agreement for the Provision of General Road Works including the Laying of Asphalt for the Ministry For Gozo, jista' l-Ministru jgħid liema xogħlijiet saru sa issa, fiex kienu jikkonsistu u fejn saru permezz ta' din is-sejħa?

21/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa saru xogħlijiet f'parti minn Triq Marġa x-Xagħra, parti minn Triq ix-Xagħra Marsalforn, u Triq Lord Strickland Qala. Qed isiru xogħlijiet fi Triq Stellini x-Xagħra u fil-ġimgħat li ġejjin ser jitkompla x-xogħol fi Triq l-Emigranti fin-Nadur.

Seduta 271
04/11/2024

**IN-NADUR, GĦAWDEX - TRIQ IR-RABAT - RAILINGS TAĊ-ĊINT TAL-BANKINA**

**22144. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9400 li ngħatat fl-14 ta' Ġunju 2023 dwar meta se jiġu sostitwiti r-railings taċ-ċint tal-bankina ta' Triq ir-Rabat, fin-Nadur Għawdex, li jinsabu eżatt qabel id-daħla tar-raħal tan-Nadur, peress li huma kollha sadid u ta' periklu kbir, jista' l-Ministru jgħid għaliex għaddew iktar minn sena u nofs u dawn ir-railings taċ-ċint għadhom ma ġewx sostitwiti? Jista' jgħid ukoll jekk jafx meta dawn ir-railings se jiġu mibdula?

21/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet ser jibdew fil-bidu tas-sena l-ġdida u ser jinħadmu mill-ħaddiema tal-gvern.

Seduta 271
04/11/2024

**KONFERENZA TAL-MED9 – KONKLUŻJONIJIET U NEFQA**

**22180. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi tagħrif dwar il-konklużjonijiet tal-konferenza mal-pajjiżi ġirien fir-reġjun Mediterranju (MED 9) biex jiġu żviluppati inizjattivi ta' kollaborazzjoni, b'miri tanġibbli, sabiex ikun indirizzat it-tibdil fil-klima? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva u tagħti breakdown tan-nefqa fuq din il-konferenza?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' stqarrija (PR241500) maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni nhar l-24 ta' Settembru 2024 li fiha tagħrif dwar il-konklużjonijiet tal-konferenza msemmija. L-ispiża marbuta mal-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni Maltija f'din il-konferenza, li saret f'Ċipru, kienet tammonta għal €10,007.

Seduta 271
04/11/2024

**BINI TAT-TIENI INTERCONNECTOR TAL-ELETTRIKU**

**22181. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-bini tat-tieni interconnector tal-elettriku bejn Malta u l-Italja, li għandu jkun lest sal-2025? Tista' tgħid kif se jgħin fit-tnaqqis ta' 58% tal-emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju u joħloq investiment akbar fl-enerġija rinnovabbli? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-istat ta' dan il-proġett u t-tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Interconnector 2 se jkun interkonnessjoni ta' madwar 122-il kilometru, 225MW HVAC, li tinkludi 99 kilometru ta' cable f'qiegħ il-baħar, 21 kilometru fi Sqallija u 2 kilometri f'Malta, u se jopera b'vultaġġ ta' 220kV bejn il-Magħtab u Ragusa. It-tieni interconnector se jitqiegħed f'distanza sigura lil hinn mill-ewwel interconnector bejn iż-żewġ pajjiżi, li beda jopera fl-2015.
Interconnect Malta Ltd. (ICM), li hija responsabbli minn dan il-proġett, bdiet ix-xogħol tagħha meta f'Settembru 2021 għamlet analiżi tar-rotot alternattivi u ssottomettiet Project Description Statement lill-awtoritajiet ambjentali. Fl-2022 ħarġet numru ta' sejħiet internazzjonali fosthom għal Environmental Impact Assessment f'Malta u ieħor fl-Italja, Front End Engineering Design u Preliminary Marine Survey. Fl-istess sena għamlet l-istħarriġ preliminari tar-rotta marittima biex tikseb l-informazzjoni marbuta ma' qiegħ il-baħar, speċifikament dik ġeofiżika, ġeoteknika u ttieħdu surveys ambjentali meħtieġa biex tiġi ppjanata l-aktar rotta sigura u sostenibbli għall-cable. Sar ukoll stħarriġ ġeotekniku u termiku tal-art tul ir-rotta terrestri kemm fi Sqallija kif ukoll f'Malta.
Wara li ġiet identifikata u analizzata r-rotta preliminari tal-proġett, fl-2023, tlesta l-proċess tal-*front-end engineering design*, li pprovda d-dettalji tekniċi meħtieġa biex tkun tista' toħroġ is-sejħiet għall-offerti finali għall-apparat meħtieġ u għall-iżvilupp u l-ikkummissjonar tal-cable taħt il-baħar u s-sistemi tiegħu fuq l-art.

Dan id-disinn tal-inġinerija ddetermina l-esiġenzi tekniċi meħtieġa, inkluż id-daqs tal-cables, transformers, shunt reactors, sistemi ta' sigurtà u protezzjoni li kienu meħtiega biex jinħarġu s-sejħiet għall-offerti marbutin mal-inġinerija, akkwist u kostruzzjoni ta' IC2.
F'Awissu tal-2023, ġie konkluż l-environmental impact assessment f'Malta u kien approvat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li affermat li din l-infrastruttura ġdida mhux se jkollha impatti negattivi fuq l-ambjent, la fuq l-art u lanqas fil-baħar. F'Jannar tal-2024, l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess ta' żvilupp li jkopri x-xogħlijiet meħtieġa biex jitqiegħed u jiġi protett il-cable fuq l-art u taħt il-baħar, bejn l-Istazzjon Terminali tal-Enemalta 132kV fil-Magħtab sa nofs ir-rotta bejn Malta u Sqallija. ICM qed tikkollabora wkoll mal-awtoritajiet Taljani biex tikkonkludi l-proċessi ta' permessi fl-ibħra Taljani u fuq l-art fi Sqallija, fejn il-MASE ħarġet l-awtorizzazzjoni għall-proġett li hi suġġetta għal *intesa finale* mir-Reġjun Sqalli.
Din is-sena nħarġu numru ta' sejħiet għall-offerti marbuta mal-implimentazzjoni tal-proġett, fosthom dik għall-manifattura u l-installazzjoni tal-cables ta' taħt l-art 245kV u 145kV, għall-provvista u l-installazzjoni ta' 245kV 250MVA Auto-Transformer, 120MVAr u 240MVAr Variable Shunt Reactors, għall-manifattura, tqegħid u protezzjoni tal-cable ta' taħt il-baħar, u għall-provvista u l-installazzjoni tal-220kV Switchgear, Fire Suppression System, u Fire Walls f'Ragusa.
F'Ġunju li għadda, l-proġett kien approvat b'suċċess għall-finanzjament taħt il-Programm ERDF 2021-2027, speċifikament taħt Prijorità Tnejn 'Promozzjoni ta' transizzjoni tal-enerġija nadifa u ġusta, ġestjoni sostenibbli tal-ilma mormi, u investiment aħdar', Objettiv Speċifiku 2.3 'Żvilupp ta' sistemi tal-enerġija intelliġenti, grids, u ħażna barra min-netwerk TEN-E'. Dan il-proġett ġie ddikjarat bħala 'Operat ta' Importanza Strateġika' minħabba l-kontribut sinifikanti tiegħu għall-kisba tal-prijoritajiet nazzjonali għall-Programm 2021-2027. Il-finanzjament tal-ERDF allokat għal dan il-proġett jammonta għal madwar €165 miljun.
Il-proġett huwa parti mill-istrateġija tal-enerġija ta' Malta biex tilħaq il-miri tal-klima u l-enerġija tal-2030 u l-miri ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul. Għandu l-għan li jiddiversifika s-sorsi tal-enerġija u jindirizza ż-żieda mistennija fid-domanda tal-elettriku minħabba t-tkabbir ekonomiku u l-elettrifikazzjoni tat-trasport. It-tieni cable link se ssaħħaħ il-konnessjoni ta' Malta man-netwerk tal-elettriku tal-Unjoni Ewropea, li tippermetti importazzjoni akbar ta' enerġija rinnovabbli.
Il-proġett se jnaqqas ukoll l-emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju billi jtejjeb il-ġenerazzjoni tal-enerġija lokali filwaqt li jissodisfa ż-żieda fid-domanda.

Il-benefiċċji ewlenin jinkludu:
· It-tisħiħ tal-interkonnettività tal-elettriku mal-UE biex tissodisfa d-domanda dejjem tikber.
· Tipprovdi backup waqt emerġenzi bħal ħsara lill-cable eżistenti.
· Appoġġ għall-għanijiet tal-klima ta' Malta għall-2030 u l-2050.
· Titjib tal-effiċjenza tal-ġenerazzjoni tal-enerġija lokali.
· Żieda fis-sigurtà tal-enerġija permezz tad-diversifikazzjoni.
· Nippermettu aktar enerġija rinnovabbli lokali (inkluż dik offshore) billi jiġu bilanċjati kwistjonijiet ta' intermittenza.

In-nefqa s'issa kienet ta' €5,235,319 għas-sena 2022, €3,181,131għas-sena 2023 filwaqt li għal din is-sena huwa stmat li l-ispiża se tlaħħaq €20 miljun.

Seduta 271
04/11/2024

**DISTRIBUTION LINK ĠDIDA BEJN IT-TERMINAL TAL-INTERCONNECTOR FIL-MAGĦTAB U Ċ-ĊENTRU TAD-DISTRIBUZZJONI FIL-MOSTA**

**22182. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi tagħrif dwar il-progress fil-kostruzzjoni ta' distribution link ġdida bejn it-terminal tal-interconnector fil-Magħtab u ċ-ċentru tad-distribuzzjoni fil-Mosta, bil-għan li jissaħħaħ in-network primarju tad-distribuzzjoni? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett u dwar it-tqassim tan-nefqa għas-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**NETWORK TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU - INVESTIMENT**

**22183. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi tagħrif dwar il-pjanijiet u l-investiment fin-network tad-distribuzzjoni elettrika biex tagħmel tajjeb għaż-żieda fid-domanda tal-elettriku u jkun hemm titjib fl-affordabbiltà tas-servizz? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet u dwar it-tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**BINI TA' SUBSTATIONS ĠODDA**

**22184. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi tagħrif dwar il-pjanijiet għall-bini ta' madwar 200 substation ġdida f'Malta u Għawdex b'teknoloġija awtomatizzata u tgħid jekk humiex se jkunu ta' inkonvenjent għar-residenti? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett u dwar it-tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**PROĠETTI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI OFFSHORE**

**22185. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'passi ttieħdu biex, flimkien mas-settur privat, isir investiment fuq proġetti ta' enerġija rinnovabbli offshore, inkluż permezz ta' teknoloġiji floating tar-riħ u tax-xemx? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti u t-tqassim tan-nefqa għas-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21103.

Seduta 271
04/11/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IKEL U TAKE AWAYS - INFIQ**

**22250. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 20517, 20763 u 21226 u jgħid kemm intefqu flus fuq ikel u fuq take-aways mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, minn Jannar 2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 271
04/11/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - USERS' COMMITTEE**

**22350. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21230, jista' l-Ministru jagħti d-dati li fihom ltaqa' l-Users' Committee tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-perjodu msemmi?

23/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 271
04/11/2024

**FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI 2014-2020 – APPLIKAZZJONIJIET FIT-TIELET SEJĦA**

**22370. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21316 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet fit-tielet sejħa ta' Miżura M4.4 (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020)? Jista' jgħid kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew aċċettati, kemm ġew rifjutati, u minn dawk li ġew aċċettati kemm hemm minnhom li l-applikanti ħadu r-rifużjoni allokata minn dan il-fond sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

24/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Applikazzjonijiet fit-Tielet Sejħa** | **Numru ta' Applikazzjonijiet** |
| | |
| Applikazzjonijiet Totali | 82 |
| Applikazzjonijiet aċċettati | 73 |
| Applikazzjonijiet rifjutati | 9 |
| Applikanti li ħadu r-rifużjoni | 2 |
| Applikanti li ħadu parti mir-rifużjoni allokata | 0 |

Seduta 271
04/11/2024

**FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI 2014-2020 – APPLIKAZZJONIJIET FIT-TIENI SEJĦA**

**22371. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21315 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet fit-tieni sejħa ta' Miżura M4.4 (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020)? Jista' jgħid kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew aċċettati, kemm ġew rifjutati, u minn dawk li ġew aċċettati kemm hemm minnhom li l-applikanti ħadu r-rifużjoni allokata minn dan il-fond sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

24/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Applikazzjonijiet fit-Tieni Sejħa** | **Numru ta' Applikazzjonijiet** |
| | |
| Applikazzjonijiet Totali | 122 |
| Applikazzjonijiet aċċettati | 92 |
| Applikazzjonijiet rifjutati | 30 |
| Applikanti li ħadu r-rifużjoni | 63 |
| Applikanti li ħadu parti mir-rifużjoni allokata | 7 |

Seduta 271
04/11/2024

**FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI 2014-2020 – APPLIKAZZJONIJIET FL-EWWEL SEJĦA**

**22372. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21314 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet fl-ewwel sejħa ta' Miżura M4.4 (Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020)? Jista' jgħid kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew aċċettati, kemm ġew rifjutati, u minn dawk li ġew aċċettati kemm hemm minnhom li l-applikanti ħadu r-rifużjoni allokata minn dan il-fond sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

24/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

| **Applikazzjonijiet fl-Ewwel Sejħa** | **Numru ta' Applikazzjonijiet** |
|---|---|
| | |
| Applikazzjonijiet Totali | 154 |
| Applikazzjonijiet aċċettati | 111 |
| Applikazzjonijiet rifjutati | 42 |
| Applikanti li ħadu r-rifużjoni | 70 |
| Applikanti li ħadu parti mir-rifużjoni allokata | 15 |

Seduta 271
04/11/2024

**INKJESTI DWAR KORRIMENT FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

**22435. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' inkjesti li għaddejjin bħalissa fil-Qrati Maltin dwar każijiet fejn persuna tgħid li tkun weġġgħet fuq il-post tax-xogħol? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont il-post tax-xogħol (sit ta' kostruzzjoni eċċ.)?

25/10/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar.

Seduta 271
04/11/2024

**PULIZIJA – APPARAT BIEX JITKEJJEL L-ISTORBJU**

**22436. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'apparat qed jintuża mill-pulizija biex jitkejjel l-istorbju, bħal pereżempju decibel meters? F'liema għases jinsab dan l-apparat għad-dispożizzjoni tal-pulizija? Jekk m'hemmx tali apparat, hemm pjan biex il-Korp tal-Pulizija jkollu dan l-apparat?

25/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għall-mistoqsija parlamentari 10115.

Seduta 271
04/11/2024

**RAPPORTI DWAR STORBJU EĊĊESSIV**

**22437. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrapportati każijiet ta' storbju eċċessiv bejn Jannar 2022 u d-data li fiha tkun imwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar? F'liema lokalità ġie rrapportat kull wieħed minn dawn il-każijiet u għal liema tip ta' storbju kien qed jirreferi r-rapport? Kemm minn dawn ir-rapporti kienu jikkonċernaw ħsejjes wara l-11.00 p.m. u wara s-1.00 a.m. separatament?

25/10/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni ser tkun provduta f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**BLUE BADGES IRRITORNATI LURA**

**22438. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17228 dwar 142 blue badge li kellhom jiġu rritornati lura matul is-sena 2023, tista' l-Ministru tgħid xi żviluppi kien hemm dwar dawn l-istess blue badges?

25/10/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s'issa ġew ritornati 101 blue badge mill-142 li kellhom jiġu rritornati matul is-sena 2023 minħabba li l-persuna ma tkunx għadha eliġibbli. Min ma jirritornax Blue Badge għax skaduta, għax id-detentur ikun miet jew għax m'għaddiex mill-proċess ta' tiġdid tintbagħatlu ittra biex jirritornaha. Fl-istess ittra, minbarra fil-konsegwenzi legali li jġorr in-nuqqas ta' ritornar tal-badge, jingħata l-parir biex jekk il-Blue Badge tkun intilfet jew wieħed jissuspetta li nsterqitlu, għandu jew jagħmel rapport mal-pulizija jew jieħu affidavit u jgħaddi kopja r-rapport jew affidavit biex jidħol fir-rekords tal-każ.

Seduta 271
04/11/2024

**ĦAL QORMI - PROBLEMA TA’ PARKEĠĠ**

**22439. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22048 u jgħid kienx hemm żviluppi dwar l-istrateġija tal-Gvern biex tittaffa l-problema enormi tal-parkeġġ f’Ħal Qormi? Jista’ jagħti iktar dettalji ta’ kif se tiġi indirizzata l-problema ta’ nuqqas ta’ spazju ta’ parkeġġ f’Ħal Qormi?

25/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**IŻ-ŻEJTUN – NEW WATER**

**22440. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid meta se jitwassal is-servizz tan-New Water fi Sqaq Nru 2, Triq il-President Anton Buttigieg, iż-Żejtun?

28/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għalkemm l-imsemmi sqaq mhuwiex parti mill-pjanijiet preżenti, dan ma jeskludix il-possibiltà li jkun parti minn proġetti li fi ħsiebha twettaq il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma iktar ’il quddiem.

Seduta 271
04/11/2024

**L-IMQABBA - TOROQ MIBNIJA MILL-ĠDID**

**22448. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21800 u ċjoè: Bħala parti mill-proġett ta' €700 miljun f'bini ta' toroq madwar il-pajjiż, jista' l-Ministru jgħid liema kienu t-toroq li nbnew mill-ġdid fl-aħħar sitt snin fil-lokalità tal-Imqabba? Jista’ jindika meta tlestew u jagħti deskrizzjoni tax-xogħlijiet li saru f'kull waħda mit-toroq u jagħti rendikont tal-ispejjeż?

28/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-toroq li nbnew mill-ġdid fl-Imqabba jinkludu Sqaq Tas-Serer, Triq lGdida fi Triq Innocenzju, Triq tal-Isqof, Triq il-Familja Brancati, Triq ir-Robba, Sqaq Nru.5 fi Triq il-Parroċċa, Triq Il-Belt Valletta, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq George Martin, Sqaq Nru 2, Triq Valletta, Sqaq Nru.1 fi Triq is-Sejba, Sqaq bla isem fi Triq is-Sejba, Triq biswit iċ-Ċimiterju/Triq iż-Żurrieq, Triq is-Sejba, Triq il-Katakombi u Triq Nazzarenu saru b'investiment ta' aktar minn €5 miljuni. Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini mill-ġdid tat-triq, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Dawn it-toroq jiffurmaw parti minn investiment bla preċedent ta' €700 miljun, programm mifrux fuq seba' snin biex Infrastructure Malta twettaq il-pjan nazzjonali biex tibni mill-ġdid it-toroq mill-ġdid it-toroq residenzjali ta' pajjiżna.

Seduta 271
04/11/2024

**IL-QRENDI - TOROQ MIBNIJA MILL-ĠDID**

**22449. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21801 u ċjoè: Bħala parti mill-proġett ta' €700 miljun f'bini ta' toroq madwar il-pajjiż, jista' l-Ministru jgħid liema kienu t-toroq li fl-aħħar sitt inbnew mill-ġdid snin fil-lokalità tal-Qrendi ? Jista' jindika meta tlestew u jagħti deskrizzjoni tax-xogħlijiet li saru f'kull waħda mit-toroq u jagħti rendikont tal-ispejjeż?

28/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-toroq li nbnew mill-ġdid fil-Qrendi jinkludu Sqaq tal-Lhudija, Triq it-Tempesta, Triq ġdida c/w Haġar Qim, Triq Hal-Lew, Sqaq il-Mejda, Triq Sant'Anna, Triq Ta' Muddejn, Sqaq ġdid c/w Triq ta' Muddejn, Triq is-Siggiewi u Sqaq il-Ħofra saru b'investiment ta' aktar minn 3 miljuni. Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini mill-ġdid tat-triq, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Dawn it-toroq jiffurmaw parti minn investiment bla preċedent ta' €700 miljun, programm mifrux fuq seba' snin biex Infrastructure Malta twettaq il-pjan nazzjonali biex tibni mill-ġdid it-toroq mill-ġdid it-toroq residenzjali ta' pajjiżna.

Seduta 271
04/11/2024

**SERVIZZ TAS-SILVER T**

**22450. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm anzjani użaw is-servizz tas-Silver T, lokalità lokalità u xahar b'xahar mill-1 ta' Settembru 2023 sat-30 ta' Settembru 2024?

28/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru ikkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**SKEMA - GLA25 (PURCHASE OF GARAGES OWNED BY GOVERNMENT IN A GOVERNMENT HOUSING ESTATE GRANTED UNDER A TITLE OF TEMPORARY EMPHYTEUSIS OR LEASE)**

**22451. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21806 dwar l-iskema tal-Awtorità tal-Artijiet GLA25 (Purchase of Garages Owned by Government in a Government Housing Estate Granted Under a Title of Temporary Emphyteusis or Lease), jista' l-Ministru jgħid x'kienu r-raġunijet għaliex 13-il appilikazzjoni mill-applikazzjonijiet li l-Awtorità tal-Artijiet irċeviet mill-1 ta' Settembru 2020 'l hawn ġew rifjutati?

28/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Infurmat li l-applikazzjonijiet li qed issir riferenza għalihom ġew rifjutati għaliex ma' kienux eleġġibli taħt il-kriterji li titlob l-istess skema.

Seduta 271
04/11/2024

**ĦAL FARRUĠ U ĦAL LUQA – TOROQ MIBNIJA MILL-ĠDID**

**22452. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21804 u ċjoè: Bħala parti mill-proġett ta' €700 miljun f'bini ta' toroq madwar il-pajjiż, jista' l-Ministru jgħid liema kienu t-toroq li fl-aħħar sitt snin inbnew mill-ġdid f' Ħal Farruġ, Ħal Luqa? Jista' jindika meta tlestew u jagħti deskrizzjoni tax-xogħlijiet li saru f'kull waħda mit-toroq u jagħti rendikont tal-ispejjeż?

28/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-toroq li nbnew mill-ġdid f' Ħal Farruġ u Ħal Luqa jinkludu Trejqa Dun Gulju Muscat u d-Disgħa ta' April, Triq Wied in-Noqor, Triq Valletta, Triq Il-Gdida, Triq San Vincenz De Paul, Triq fi Triq Ħal Farruġ, Triq Dun Pawl, Triq San Ġużepp u Triq San Ġorġ u Triq id-Dokkiena saru b'investiment ta' aktar minn €7 miljun. Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini mill-ġdid tat-triq, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Dawn it-toroq jiffurmaw parti minn investiment bla preċedent ta' €700 miljun, programm mifrux fuq seba' snin biex Infrastructure Malta twettaq il-pjan nazzjonali biex tibni mill-ġdid it-toroq mill-ġdid it-toroq residenzjali ta' pajjiżna.

Seduta 271
04/11/2024

**ĦAL KIRKOP - TOROQ MIBNIJA MILL-ĠDID**

**22453. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21803 u ċjoè: Bħala parti mill-proġett ta' €700 miljun f'bini ta' toroq madwar il-pajjiż, jista' l-Ministru jgħid liema kienu t-toroq li fl-aħħar sitt snin inbnew mill-ġdid fil-lokalità ta' Ħal Kirkop? Jista' jindika meta tlestew u jagħti deskrizzjoni tax-xogħlijiet li saru f'kull waħda mit-toroq u jagħti rendikont tal-ispejjeż?

28/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-toroq li nbnew mill-ġdid Ħal Kirkop jinkludu p/o Triq San Benedittu, Sqaq San Nikola, Triq il-Lewżiet u Triq iż-Żebbiegħ saru b'investiment ta' aktar minn miljun ewro. Ix-xogħlijiet jikkonsistu f'bini mill-ġdid tat-triq, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottobażi eżistenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa. Dawn it-toroq jiffurmaw parti minn investiment bla preċedent ta' €700 miljun, programm mifrux fuq seba' snin biex Infrastructure Malta twettaq il-pjan nazzjonali biex tibni mill-ġdid it-toroq mill-ġdid it-toroq residenzjali ta' pajjiżna.

Seduta 271
04/11/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – HUMAN RESOURCES - IMPJEGATI**

**22462. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' impjegati li jaħdmu fid-Dipartiment tal-Human Resources fil-Faċilità San Vincenz de Paul? Jista' jgħid ukoll kemm hemm persuni f'kull grad u kemm minnhom jaħdmu mal-Gvern u kemm minnhom jaħdmu mal-kuntrattur?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat, li n-numru ta' impjegati li jaħdmu fid-Dipartiment tal-*Human Resources* fil-Faċilità San Vincenz de Paul huwa ta' (34) erbgħa u tletin impjegat, li minn dawn hemm disa' (9) impjegati tal-kuntrattur fil-grad ta' Skrivan/a, kif ukoll impjegata tal-Engineering Resources Ltd.

Seduta 271
04/11/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – DIRETTURI**

**22463. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka d-Diretturi kollha li jaħdmu fil-Faċilità San Vincenz de Paul?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li d-Diretturi f'San Vinċenz de Paul huma:
- *Director Nursing Services*;
- *Medical Director (Agent);*
- *Director Support Services*;
- *Director Operations*.

Seduta 271
04/11/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – TRASPORT GĦAL KAMPJUNI TAD-DEMM**

**22464. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex it-trasport ta' kull kampjun tad-demm mill-Faċilità San Vincenz de Paul isir bis-servizz ta' trasport privat meta l-Faċilità għandha x-xufiera tagħha?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li x-xufiera ġewwa SVP jaħdmu matul il-jum biss. Il-kampjuni tad demm jiġu trasportati lejn MDH matul il-lejl.

Seduta 271
04/11/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – TRASPORT GĦAL KAMPJUNI TAD-DEMM - NEFQA**

**22465. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa għat-trasport tal-kampjuni tad-demm mill-Faċilità San Vincenz de Paul għall-Isptar Mater Dei fis-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din i-mistoqsija parlamentari?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li n-nefqa totali fis-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024 hija ta' €70,327.

Seduta 271
04/11/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – ACTIVE AGEING PROMOTION UNIT - IMPJEGATI**

**22466. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati jaħdmu fl-Active Ageing Promotion Unit fil-Faċilità San Vincenz de Paul? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-grad ta' kull impjegat li jaħdem f'dan il-Unit?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hemm sitta u tletin (36) impjegat jaħdmu fl-*Active Ageing Promotion* Unit fil-Faċilità San Vincenz de Paul.

Seduta 271
04/11/2024

**FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – EVENTS TEAM - SEJĦA**

**22467. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex inħasset il-ħtieġa li tinħareġ call fid-19 ta' Settembru 2024 sabiex impjegati li jaħdmu fil-Faċilità San Vincenz de Paul jibdew jaħdmu mal-Events Team fil-Faċilità meta l-istess Faċilità diġà għandha Events team tagħha? Jista' jgħid ukoll kemm persuni applikaw għal din il-post u kemm intgħażlu?

28/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ma kien hemm ebda call li nħarġet fid-19 ta' Settembru 2024 biex impjegati jibdew jaħdmu mal-*Events Team*. Din kienet biss *memo* interna biex dawk il-ħaddiema li jkunu jixtiequ jgħinu volontarjament fl-attivitjiet li jiġu organizzati f'San Vinċenz de Paul, nagħtuhom din l-opportunitá. Fil-fatt, ħafna mill-ħaddiema jagħtu l-kontribut tagħhom f'dawn l-attivitajiet fil-ħin liberu tagħhom. M'hemm ebda ħlas marbut ma' din l-inizjattiva i¿da dan sar biss biex inkunu f'po¿izzjoni li noffru aktar varjetá' fl-attivitajiet li norganizzaw għar-residenti tagħna kif ukoll f'attivitajiet li fihom jieħdu sehem l-impjegati u li fihom jinġabru flus għal għaqdiet mhux governettivi. Fost dawn l-attivitajiet organizatti hemm *Car Wash Day, Open Days, Christmas Village* eċċetra...

Seduta 271
04/11/2024

**L-IMTARFA - BINJA QLEJGĦA - KUMPLESS TA' GARAXXIJIET - XOGĦLIJIET TA' TISWIJA**

**22482. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se jikkonkludi l-proċess biex jiġi ffirmat ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar u Infrastructure Malta sabiex it-tiswijiet fis-soqfa tal-kumpless ta' garaxxijiet li jagħmlu parti minn Binja Qlejgħa, l-Imtarfa, ikunu jistgħu jinbdew?

29/10/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess qiegħed fi stadju avvanzat, iżda peress li l-ammonti tat-twettiq tal-proġett innifsu żdiedu u huma sostanzjali, qed isir skrutinju ddettaljat tal-ispejjeż. Wara jsiru t-taħdidiet finali, kemm tekniċi kif ukoll finanzjarji ma' Infrastructure Malta sabiex il-ftehim bejn iż-żewġ entitajiet jista' jiġi konkluż.

Seduta 271
04/11/2024

**KEMMUNA - MASTER PLAN**

**22483. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-aħħar verżjoni tal-master plan għal Kemmuna?

29/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar m'għandux tali masterplan.

Seduta 271
04/11/2024

**FORTIFIKAZZJONIJIET TA' SAN KLEMENT**

**22484. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22052, jista' l-Ministru jgħid jekk ir-restawr tal-Fortifikazzjonijiet ta' San Klement jinkludix l-ispazji tas-swar minn ġewwa?

29/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**IL-BELT, VALLETTA - CISTERNA DELLA QUARANTENA - ĠIBJUNI**

**22485. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress illi s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali ilha iktar minn sentejn infurmata bl-eżistenza ta' ġibjuni fis-sit magħruf bħala Cisterna della Quarantena, il-Belt Valletta, jista' l-Ministru jgħid x'deċiżjoni tittieħdet, u meta ttieħdet, biex possibilment jiġu salvati u/jew restawrati dawn iċ-Ċisterni ta' żmien il-Kavallieri u eventwalment jerġgħu jintużaw għall-ħażna tal-ilma tax-xita?

29/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li s-Sovrintendenza din il-ġimgħa ħarġet Terms of Reference sabiex jibda it-tindif taċ-Ċisterna mid-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni (RPD).

Seduta 271
04/11/2024

**IL-BELT, VALLETTA - CISTERNA DELLA QUARANTENA - MINA**

**22486. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux studji fuq il-mina li nkixfet waqt ix-xogħlijiet ta' skavar fis-sit magħruf bħala Cisterna della Quarantena, il-Belt Valletta? Jekk fl-affermattiv, jista' jikkonferma x'kien l-użu ta' din il-mina, u jekk hemmx pjan li ssir aċċessibbli biex isservi ta' attrazzjoni kulturali u turistika?

29/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22485, fejn ġejt infurmat li s-Sovrintendenza din il-ġimgħa ħarġet Terms of Reference sabiex jibda it-tindif taċ-Ċisterna mid-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni (RPD). Ninsab infurmat ukoll li bħalissa ix-xogħlijiet huma limitati għal fuq iċ-Ċisterna.

Seduta 271
04/11/2024

**IL-BELT, VALLETTA - CISTERNA DELLA QUARANTENA - MINA**

**22487. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux studji fuq il-mina li nkixfet waqt ix-xogħlijiet ta' skavar fis-sit magħruf bħala Cisterna della Quarantena, il-Belt Valletta? Jekk fl-affermattiv, jista' jikkonferma x'kien l-użu ta' din il-mina, u jekk hemmx pjan li ssir aċċessibbli biex isservi ta' attrazzjoni kulturali u turistika?

29/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li qed jittieħdu passi biex jiġi analiżżat l-istat tas-sit imsemmi biex wara jkunu jistgħu jitkomplew l-interventi meħtieġa.

Seduta 271
04/11/2024

**LIGHT PASSENGER TRANSPORT SYSTEM (LPTS) - EŻAMIJIET**

**22489. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21576 u jgħid minn fejn wieħed jista' jaċċessa s-sillabu jew sample questions għall-eżamijiet li qed isiru biex xufier iġib tag biex isuq karozza ta' servizz għal passiġġieri (LPTS)?

29/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi filwaqt li l-Awtorità tipprepara s-sillabu huma il-fornituri tas-servizz li huma licenzjati mill-Awtorità li joħorġu bil-mistoqsijiet għal eżamijiet li jsiru biex wieħed iġib tag biex isuq karozza ta' servizz għal passiġġieri

Seduta 271
04/11/2024

**IL-GVERN MALTI – EKS ĦADDIEMA TAL-AIRMALTA**

**22494. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21950 u jgħid kemm mill-eks ħaddiema tal-Airmalta għażlu li jmorru jaħdmu mal-Gvern?

29/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kien hemm 231 eks ħaddiema tal-Airmalta li marru jaħdmu mal-Gvern.

Seduta 271
04/11/2024

**LIĠIJIET TAL-KERA – KUMPENS LI L-GVERN ĠIE ORDNAT IĦALLAS LIS-SIDIEN**

**22495. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 16731 u 20539 u jgħid kemm kien it-total illi l-Gvern ġie ordnat li jħallas bħala kumpens mill-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u mill-Qorti Kostituzzjonali lis-sidien ta' proprjetajiet in konsegwenza tal-liġijiet tal-kera fis-sena 2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont li l-Gvern ħallas effettivament bħala kumpens għas-sena 2022 u 2023?

29/10/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kumpens li l-Gvern ġie kkundannat li jħallas lis-sidien ta' proprjetajiet in konsegwenza tal-liġijiet tal-kera fis-sena 2022 u 2023 huma s-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| Għas-sena 2022 | - | € 14,377,549.74 |
| Għas-sena 2023 | - | € 21,267,638.73 |

Fir-rigward ta' kemm il-Gvern effettivament ħallas ammonti, ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għada qed tinġabar u tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**RISTORANTI LIĊENZJATI**

**22496. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20647 u jgħid kemm hawn ristoranti liċenzjati hawn Malta? Jista' jgħid ukoll kemm huwa s-seating capacity totali awtorizzat ta' dawn ir-ristoranti?

29/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' ristoranti liċenzjati f'Malta u Għawdex huwa ta' 890. Fir-rigward ta' seating capacity, l-Awtorita' qatt ma kellha jew żammet informazzjoni f'dan ir-rigward.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA U L-AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU – KUNTRATTI TA' KERA**

**22497. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21944 u jgħid kemm-il kuntratt ta' kera għandu l-Ministeru u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) u jagħti n-nefqa annwali fuq kera għas-snin 2023 u 2024 sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA U L-AWTORITÀ MALTIJA GĦAT-TURIŻMU – KONSULENTI**

**22498. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21941 u jgħid kemm minn dawn il-konsulenti maħtura mill-Ministeru tiegħu u mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) nħatru wara sejħa pubblika u kemm minnhom ma ntgħażlux wara sejħa pubblika?

29/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - KONSULENTI**

**22499. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 7442 u 20550 u jagħti lista tal-Konsulenti ingaġġati mill-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità tiegħu, mill-2022 'il hawn?

29/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**TA' XBIEX - GARDENS YACHT MARINA**

**22504. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-RfP li kien inħareġ minn Transport Malta biex tiġi privatizzata dik li llum tissejjaħ Gardens Yacht Marina f'Ta' Xbiex? Jista' jqiegħed ukoll kopja tal-ftehim mal-operaturi privati li ngħataw din il-konċessjoni?

29/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**TA' XBIEX - CAPITANAIRE TA' GARDENS YACHT MARINA - PA00680/22**

**22505. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid min applika għall-permess PA00680/22 fuq il-bini tal-Capitanaire ta' Gardens Yacht Marina f'Ta' Xbiex? Min ħallas għall-permess u għas-servizzi konnessi mal-ħruġ tiegħu, inkluż dawk tal-arkitett u tal-istudju neċessarji? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-invoices kollha konnessi u l-kopji tal-pagamenti kollha li saru?

29/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**TRANSPORT MALTA - PA00680/22**

**22506. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għall-permess PA00680/22 maħruġ f'isem Transport Malta (TM), jista' l-Ministru jgħid min qed jesegwixxi x-xogħol konness u min se jħallas għalih? Jista' jgħid ukoll kemm hu stmat li se jiswa dan ix-xogħol u għaliex TM qed tidher għal dawn ix-xogħlijiet li jinkludi restaurant li se jintuża minn individwi privati?

29/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**PA00680/22 - PERMESSI TAĦT APPELL**

**22507. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex Transport Malta tat il-kunsens tagħha sabiex jibdew ix-xogħlijiet ta' żvilupp fuq il-permess PA00680/22 f'isimha waqt li għadu taħt appell?

29/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**LIĊENZJI TAL-INSIB SPEĊJALI**

**22508. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn min għandu liċenzja tal-insib speċjali awtorizzat għad-deroga tal-għana u kemm hawn min għandu liċenzja speċjali għad-deroga tal-insib tal-pluviera u l-malvizz?

29/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sad-data tat-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari (29/10/2024), inħarġu total ta' 3,171 liċenzja għar-riċerka fuq l-għasafar tal-għana, u total ta' 1,381 għall-insib tal-Pluviera u l-Malvizz. Persuna li għandha ż-żewġ tipi ta' liċenzji tkun inkluża f'kull kategorija separatament. Applikazzjonijiet milqugħa skont tard kif titlob il-liġi, jistgħu jbiddlu t-totali msemmija hawn fuq.

Seduta 271
04/11/2024

**MICAS - MUŻEW TAL-ARTI KONTEMPORANJA - FTUĦ TA' ESEBIZZJONI**

**22509. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħallset il-Malta International Contemporary Arts Space (MICAS) lill-artist barrani għal ftuħ ta' esebizzjoni tal-Mużew tal-Arti Kontemporanja?

29/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ir-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**AĠENZIJA GĦAR-REĠISTRAZZJONI TAL-ARTIJIET - KONDOMINJA**

**22517. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew reġistrati kondominja mill-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet fl-ewwel għaxar xhur ta' din is-sena?

29/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab f'din it-tabella t'hawn taħt:

| Jannar - Ottubru 2024 | Malta | Għawdex |
|---|---|---|
| **Amministraturi ġodda** | 596 | 106 |
| **Tiġdid/tibdil ta' Amministraturi** | 792 | 64 |
| **Reġistrazzjoni ta' Regolamenti** | 22 | 5 |

Seduta 271
04/11/2024

**HOME OWNERSHIP - PROĊEDURI FIL-QRATI**

**22518. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk intemmux il-proċeduri fil-qrati dwar plots li tqassmu bl-iskemi tal-Home Ownership? Jista' l-Ministru jgħid x'kien ir-riżultat ta' dawn il-proċeduri u fiex waslu l-proċessi biex min għandu minn dawn il-plots, jingħata t-titlu?

29/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li kien hemm diversi proċeduri fil-Qrati b'konnessjoni ma' plots li tqassmu bl-iskemi tal-Home Ownership. Hemm proċeduri li ntemmu u oħrajn li għadhom għaddejjin. Fil-każ ta' dawk li ntemmu, il-plots jgħaddu għand l-Awtorità tad-Djar wara li takkwista t-titlu mingħand l-Awtorita tal-Artijiet, biex tiffinalizza l-proċeduri tagħha mal-persuni li jkunu ġew allokati l-plots.

Seduta 271
04/11/2024

**HOME OWNERSHIP - KUNTRATTI**

**22519. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti saru fl-aħħar snin bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Awtorità tad-Djar dwar plots għall-iskemi tal-Home Ownership?

29/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għadd ta' kuntratti ta' akkwist li saru mal-Awtorità tad-Djar ta' plots tal-Home Ownership fl-aħħar snin huwa kif jidher fit-tabella t'hawn taħt. Mill-2022 'l hawn dan ix-xogħol ingħata spinta skont kif ġie mwiegħed fil-Manifest Elettorali tal-aħħar elezzjoni.

| **Sena meta saru kuntratti tal-Akkwist mal-Awtorita tad-Djar** | **Numru ta' plots akkwistati** |
|---|---|
| **2018** | 1 |
| **2019** | 16 |
| **2020** | 5 |
| **2021** | 1 |
| **2022** | 95 |
| **2023** | 66 |
| **2024** | 86 |
| **TOTAL** | **270** |

Seduta 271
04/11/2024

**MUT - SKOLA GUARDIAN ANGEL - DIRETTIVI**

**22521. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 21552, 21764, 21935 u 22249 u jgħid jekk il-Malta Union of Teachers (MUT) ħarġitx direttivi fir-rigward tal-Iskola Guardian Angel matul is-snin 2021, 2022, 2023 u 2024? Jekk iva, liema huma, għaliex inħarġu, meta nħarġu u meta twaqqfu?

29/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

- Direttiva li ħarġet lill-membri fl-2022 dwar l-għawm minħabba riskji għas-saħħa u s-sigurtà
- Direttiva li ħarġet lill-membri fl-2023 biex jipprovdu protezzjoni minn ġenitur/tutur
- Direttiva li ħarġet lill-membri fl-2023 biex joqgħodu lura mill0 jwettqu xi kompiti.

Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellanta li dawn id-direttivi kollha ġew sospiżi.

Seduta 271
04/11/2024

**L-IMĠARR MALTA - TRAFFIC MANAGEMENT - PETIZZJONI**

**22523. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18758, 21355 u 21996 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18488 dwar il-petizzjoni 'Diskussjoni għal sistema ta' Traffic Management aħjar fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imġarr', jista' l-Ministru jgħid min kienu l-istakeholders li ltaqa' magħhom il-Ministeru?

30/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi il-konsultazzjoni tkun saret waqt it-Traffic Management Committee. Dan il-kumitat huwa kompost minn diversi membri li jirrappreżentaw awtoritajiet, entitajiet, korporazzjonijiet u aġenziji – sabiex jagħtu l-kummenti tagħhom għall- kunsiderazzjoni tal-awtorità qabel l-implimentazzjoni tal-proposti mressqin. Din id-diskussjoni inkludiet ukoll il-Kunsill Lokali. Ninsab infurmat li d-diskussjonijiet għadhom għaddejin.

Seduta 271
04/11/2024

**GRAWNDS TAL-FUTBOL**

**22524. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 21353 u 21997 u jgħid fiex wasal l-agreement li kien ippreżentat u ffirmat biex il-klabbs li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament ikollhom grawnd tagħhom wara li nbena wieħed ġdid għall-klabb li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

30/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**BAĠIT 2025 - REKLAMAR U PROPAGANDA - NEFQA**

**22525. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propaganda li qed issir mill-Gvern wara d-diskors tal-baġit, li sar nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru, b'rabta mal-Baġit 2025?

30/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 271
04/11/2024

**BAĠIT 2025 - REKLAMAR U PROPAGANDA - NEFQA**

**22526. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża ta' reklamar u propaganda li qed issir mill-Gvern wara d-diskors tal-baġit, li sar nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru, b'rabta mal-Baġit 2025?

30/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22527. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

30/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari W313.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22528. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

30/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari W94.

Seduta 271
04/11/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22529. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista’ l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta’ inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

30/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 21481.

Seduta 271
04/11/2024

**TRASPORT TAL-ISKOLA – ĦIN TA’ ĠBIR TAT-TFAL**

**22535. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħin qabel tiftaħ l-iskola, jistgħu jinġabru t-tfal tal-iskola fl-iskejjel kollha bl-inizjattiva tat-trasport bla ħlas?

30/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

1. Tfal li jattendu skejjel primarja ma jistgħux jinġabru aktar kmieni minn tlett kwarti qabel il-ħin uffiċjali tal-ftuħ tal-iskola.
2. Tfal li jattendu skejjel medji u sekonadrji (peres li jkopru distanzi itwal) ma jistgħux jinġabru aktar kmieni minn siegħa u nofs qabel il-ħin uffiċjali tal-ftuħ tal-iskola.
3. Hemm xi rottot li eċċezzjoni tista’ tapplika fejn tfal jistgħu jinġabru kwarta qabel dan t’hawn fuq minħabba ditanza li jridu jkopru ghax inkella ma jaslux fil-ħin (eżempju minn Ċirkewwa sa MAVP, Ħamrun)
4. Tfal li jattendu Resource Centres jistgħu jinġabru mhux qabel 08:00AM minħabba xi rutini mediċi li dawn it-tfal jistgħu jkollhom bżonn.

Seduta 271
04/11/2024

**TRASPORT TAL-ISKOLA – XUFIERA**

**22536. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xufiera li qed isuqu lit-tfal tal-iskola taħt l-inizjattiva tat-trasport bla ħlas, humiex soġġetti għal skrutinju qabel jitħallew isuqu mal-kumpaniji rispettivi?

30/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull xufier li jopera fil-qasam tal-iskema tat-trasport lejn l-iskejjel mingħajr ħlas huwa suġġett li jkollu driver tag maħruġa minn Transport Malta.
Infurmat ukoll li kull sena l-Operatur jiġi mitlub li jressaq rikors fil-qrati ta’ Malta sabiex jassigura li x-xuffiera mqabbda m’humiex mniżżla fir-Reġistru tal-POMA.

Seduta 271
04/11/2024

**SĦUBIJA FL-UNJONI EWROPEA - RENDIKONT ANNWALI TA' KEMM MALTA ĦALLSET FLUS**

**22539. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont annwali ta' kemm Malta ħallset flus lill-Unjoni Ewropea mid-data tas-sħubija sas-sena 2024?

30/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**CHARGING STATIONS**

**22540. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 21929 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi u ċjoè: Peress li ħafna drabi ċ-charging stations elettriċi ma jkunux qed jaħdmu b'konsegwenza li s-sidien tal-karozzi elettriċi qed jispiċċaw jaħlu ħafna ħin fi skariġġ żejjed iduru minn charging station għall-oħra bit-tama li jsibu waħda taħdem, jista' l-Ministru jara li jsiru kontrolli neċessarji biex dawn il-kumpaniji jinvestu aktar fil-manutenzjoni u l-effiċjenza tal-istess charging points?

30/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpallanta għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 20783 u mistoqsija parlamentari 21929 li ngħataw fl-istess ġurnata. Kif jindika t-tagħrif li tajt f'dik it-tweġiba, każijiet kif deskritti f'din il-mistoqsija parlamentari huma minimi. Però jekk l-Onor. kollega għandha xi tagħrif speċifiku nitlobha tgħaddihuli biex naraw x'każijiet huma. In oltre, l-kumpanija responsabbli miċ-charging pillars hija obbligata li kontinwament tagħmel il-manuntenzjoni meħtieġa biex tassigura li dawn joperaw b'mod effiċjenti. Ninsab infurmata li fuq it-372 charging points li hawn bħalissa madwar Malta u Għawdex, kuljum qegħdin isiru medja ta' 600 tranżazzjoni li jsarrfu f'medja ta' 10,000kwh kuljum.
Nirreferi wkoll għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22145. Fiha spjegajt kif fix-xhur li ġejjin għandu jibda x-xogħol infrastrutturali b'rabta mal-proġett li se nwettqu biex sal-aħħar tas-sena d-dieħla n-numru ta' charging pillars madwar Malta u Għawdex jilħaq total ta' 1,572 charging point.

Seduta 271
04/11/2024

**CHARGING STATIONS ELETTRIĊI**

**22541. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk iċ-charging stations elettriċi ta' pajjiżna humiex operati kollha mill-istess kumpanija/individwu?

30/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li 'Charge My Ride' hija sistema tal-iċċarġjar pubblika fejn it-twaħħil u l-operat taċ-charging pillars isir minn kuntrattur privat, li kien intgħażel wara sejħa għall-offerti pubblika.
Qed jiġu finalizzati sejħiet pubbliċi għall-offerti għal aktar charging pillars, li se jkunu qed jagħtu opportunità wiesgħa lil aktar operaturi li jidħlu f'dan is-suq mal-kuntrattur eżistenti. Permezz ta' pjattaforma nazzjonali li qed tiġi ppjanata, is-sewwieqa tal-vetturi elettriċi jkunu jistgħu jagħmlu użu miċ-chrging pillars ta' dawn l-operaturi kollha differenti b'mod wieħed komuni u sempliċi.

Seduta 271
04/11/2024

**SERVIZZ TA' CHILDCARE B'XEJN - RENDIKONT ANNWALI**

**22542. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti rendikont annwali ta' kemm-il pajjiż investa u qed jinvesti fis-servizz ta' childcare b'xejn?

30/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**CHILDCARE - NUMRU TA' TFAL LI JATTENDU**

**22543. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi skeda li turi n-numru ta' tfal li annwalment jattendu ċ-childcare b'xejn mill-bidu tas-servizz sas-sena 2023?

30/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi d-domanda lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 271
04/11/2024

**IL-IKLIN – SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**22545. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22011 u jgħid jekk Transport Malta hix responsabbli mis-sinjali tat-traffiku li twaħħlu reċentement fi Triq Giorgio Locano, Triq Enrico Naudi, Triq Carmelo Pace u Triq Frederick Borg fl-Iklin? Jista' jgħid ukoll għaliex saru dawn is-sinjali?

30/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 271
04/11/2024

**AĠENZIJA SAPPORT - ĊENTRI TA' MATUL IL-JUM**

**22546. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna ma baqgħetx tattendi xi Ċentru ta' Matul il-Jum li tieħu ħsieb l-Aġenzija Sapport separatament għas-snin 2022, 2023 u 2024 u għal kull każ tgħid x'kienu r-raġunijiet għal dan?

30/10/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li matul is-snin imsemmija kien hemm total ta' 101 persuna b'diżabilità li ma baqgħux jattendu s-servizzi ta' matul il-jum ta' Aġenzija Sapport, għar-raġunijiet elenkati fit-tabella.

| **Raġuni** | **2022** | **2023** | **2024 (Jannar – sad-data tat-tweġiba)** |
|---|---|---|---|
| M'għadhomx interessati li jirċievu s-servizz | 25 | 24 | 13 |
| Bdil fis-servizz | 1 | 3 | 1 |
| Ingaġġ f'impjieg | 1 | 1 | 1 |
| Saħħa deterjorata | 5 | 5 | 2 |
| Mewt | 6 | 6 | 6 |
| Kura tal-ġenituri anzjani | 0 | 1 | 0 |
| **Total** | **38** | **40** | **23** |

Seduta 271
04/11/2024

**ĦAD-DINGLI - ĠNIEN IL-ĦADDIEM U FI ĠNIEN IL-FAMILJA - KANĊELLI TAL-ENTRATURI**

**22572. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li l-kanċell tal-entraturi ma' Ġnien il-Ħaddiem u fi Ġnien il-Familja f'Ħad-Dingli nqalgħu, jista' l-Ministru jgħid meta ser jerġgħu jiġu installati, biex b'hekk ikun hemm miżuri ta' sigurtà?

31/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli li l-kanċell ta' Ġnien il-Ħaddiem għadu fil-post u jingħalaq kuljum filwaqt li Ġnien il-Familja ma kellux kanċelli.

Seduta 271
04/11/2024

**SPTAR MATER DEI - ĦADDIEMA TAL-G4S - ĦLAS GĦALL-PARKEĠĠ**

**22573. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser tibqa' l-prassi li ħaddiema tal-G4S fl-Isptar Mater Dei jħallsu tal-parkeġġ waqt li jkunu qed jaqdu dmirijiethom fuq il-post tax-xogħol bħal ħaddiema l-oħrajn?

31/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li hemm kuntratt bejn l-Isptar Mater Dei u l-kumpanija G4S u dan qed jiġi onorat.

Seduta 271
04/11/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - PODJATRA FULL TIME**

**22574. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ma hemmx podjatra full time fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għad-detriment tal-pazjenti fl-isptar speċjalment dawk il-pazjenti li jdumu rikoverati fl-istess sptar?

31/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li fil-preżent, is-servizz ta' podjatrija għall-pazjenti fis-swali kollha tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex qed jiġi pprovdut minn podjatra fuq bażi regolari w skond il-bżonn. Il-pazjenti li jdumu rikoverati fl-Isptar qed isirilhom assesjar ibbażat fuq kriterji inkluż il-frekwenza stabiliti mill-istess podjatra/i responsabbli minn dan is-servizz.

Seduta 271
04/11/2024

**RABAT, MALTA - TRIQ ĦAD-DINGLI, TRIQ NUTAR F. CATANIA, TRIQ ĦAL TARTARNI, TRIQ SAN TROFIMU, TRIQ SANT'ARISTARKU, TRIQ VINCENZO CIAPPARA - XOGĦLIJIET**

**22575. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti time frame tax-xogħlijiet li qed isiru mill-Enemalta fiż-żona ta' Triq Ħad-Dingli, Triq Nutar F. Catania, Triq Ħal Tartarni, Triq San Trofimu, Triq Sant'Aristarku, Triq Vincenzo Ciappara, fir-Rabat, Malta? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' xogħlijiet qed isiru u jekk hux ser isir re-surfacing tat-toroq kollha?

31/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Enemalta poġġiet cables ġodda biex tkompli ssaħħaħ is-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku fiż-żona indikata. Infurmata li għada fadal isiru l-aħħar xogħlijiet ta' tqegħid ta' cables fi Triq Ħad Dingli li għandhom jitlestew fil-jiem li ġejjin u wara jkun jista' jingħata l-asfalt skont il-permessi ta' Transport Malta.

Seduta 271
04/11/2024